# STATUT BAŻIKU

# GĦALL-FRATELLANZI

## Appendiċi II

## Is-Sejħiet u l-Ħidmiet tal-Fratellanzi

---

Segretarjat għall-lajċi

Arċidjoċesi ta' Malta

**STATUT BAŻIKU GĦALL-FRATELLANZI**
**APPENDIĊI II**
**IS-SEJĦIET U L-ĦIDMIET TAL-FRATELLANZI**

## KONTENUT


1. Daħla
2. Il-Karatteristiċi, s-Sejħiet u l-Ħidmiet tal-Fratellanzi
3. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tas-Sagrament
4. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tar-Rużarju
5. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza ta' San Ġużepp
6. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza taċ-Ċintura
7. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tad-Duluri
8. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni
9. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu
10. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza ta' San Mikiel
11. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tal-Kurċifiss
12. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karita
13. Emendi għal Appendiċi II anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi


*Dan id-dokument, li jagħmel parti mill-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi, hu approvat mill-Awtorita tal-Knisja ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta permezz ta' Digriet data 13 ta' Settembru 2006.*

Daħla

F'dan il-dokument hawn imfissra s-Sejħiet u l-Ħidmiet tal-Fratellanzi. Il-Fratellanzi msemmija huma dawk l-aktar preżenti fil-parroċċi ta' l-Arċidjoċesi. Dan id-dokument għandu jinqara bħala parti mill-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi.

2 Il-Karatteristiċi, is-Sejħiet u l-Ħidmiet tal-Fratellanzi

2.1 Kull Fratellanza għandha karatteristiċi u sejħiet partikolari ġejjin mill-iskop ewlieni tagħha, fosthom li tiġbor lill-Fratelli fi Fratellanza partikolari u li tħeġġiġħom biex jikbru fis-sejħa tagħhom flimkien ma' ħuthom.

Kull Fratell għandu jfittex li jikber u jimmatura fis-sejħa partikolari tal-Fratellanza.

Fejn f'dan id-dokument jissemmew proċessjonijiet partikolari, tkun qed issir referenza għal dawk il-proċessjonijiet li diġa' qed isiru. Il-ħidma kif espressa ma tagħti ebda jedd li proċessjonijiet ġodda jibdew jiġu ċċelebrati fejn dawn ma jeżistux.

2.4 F'dan id-dokument qed jiġu proposti tliet tipi ta' Ħidmiet:

2.4.1 Ħidma ta' Formazzjoni

Mingħajr formazzjoni, kull ħidma oħra tkun qisu wieħed qed jibni fuq ir-ramel. Meta jiġu ppjanati l-laqgħat ta' formazzjoni, għandha ssir referenza għad-dokument Appendiċi I, anness ma' l-Istatut Bażiku tal-Fratellanzi. Din il-formazzjoni għandha twassal lill-imseħbin li jinbnew minn ġewwa psikoloġikament u spiritwalment biex hekk ikabbru l-fiduċja tagħhom f'Alla f'kull mument ta' ferħ u niket u quddiem kull tip ta' problema. Il-formazzjoni għandha tingħata b'mod sistematiku. L-ewwel formazzjoni tingħata qabel wieħed isir Fratell, u tibqa' tingħata f'okkażjonijiet diversi matul is-sena liturġika kif definit fl-Istatut Bażiku u f'Appendiċi I anness miegħu.

2.4.2 Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

Din hi ħidma aktar tradizzjonalment marbuta mal-Fratellanzi. Hi ħidma mportanti, iżda fid-dawl tas-sejħa tal-Mulej għall-Fratellanzi, ma' tistax tibqa' waħedha għax tħalli ħafna vojt.

2.4.3 Ħidma ta' Appostolat

Permezz tal-ħidmiet li qed jiġu proposti għal kull Fratellanza, qed tingħata linja gwida għat-tip ta' ħidma ta' appostolat li l-membri fi ħdan il-Fratellanzi jistgħu jwettqu. Il-ħidmiet proposti għandhom jgħinu lill-Fratellanzi biex jorjentaw ruħhom lejn il-ħtiġijiet tas-soċjeta' tallum, u biex b'mod prattiku jwettqu ħidmiet marbuta mas-sejħa tagħhom illum. Mal-ħidmiet indikati, jistgħu jiżdiedu ħidmiet oħra ta' appostolat.

3. Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tas-Sagrament

3.1 Is-sejħa tal-Fratellanza tas-Sagrament hija d-devozzjoni u l-qima lejn Ġesu' fl-Ewkaristija li tidher fit-tisħib fl-Ewkaristija u fid-devozzjoni ta' adorazzjoni regolari.

Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

i. l-imħabba speċjali lejn l-Ewkaristija;
ii. jagħmlu regolarment siegħa adorazzjoni animata quddiem Ġesu' fl-Ewkaristija f'xi kappella fil-parroċċa fejn issir l-adorazzjoni;
iii. it-tisħib fit-twassil ta' l-Ewkaristija lill-morda;
iv. issir vista quddiem l-Ewkaristija fit-Tabernaklu, qabel kull quddiesa;
v. it-tiżjin u t-tħejjija ta' l-artal għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, bħal xi arranġament żgħir ta' fjuri;
vi. it-tħejjija għall-għoti tal-barka Sagramentali;
vii. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni tas-Sagrament;

viii. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa

Ħidma ta' Appostolat

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. jgħinu biex tinżamm il-ġabra fl-ambjenti tal-knisja, nkluż fis-sakristija;
ii. kull Fratell ikollu madwar ħames morda li regolarment matul is-sena jmur iżurhom;
iii. il-Fratelli flimkien mad-Direttur Spiritwali, janimaw siegħa adorazzjoni quddiem l-Ewkaristija fl-Artal tar-Repożizzjoni nhar Ħamis ix-Xirka;
iv. jgħinu lill-kappillan biex il-parroċċa twettaq ħidma ta' djakonija ma' anzjani;
v. jaħdmu għal tnaqqis tad-dagħa fil-familji u fuq ix-xogħol.

Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tar-Rużarju

Is-sejħa tal-Fratellanza tar-Rużarju hija l-qima lejn Ommna Marija taħt it-titlu tar-Rużarju billi l-Fratelli jgħidu r-rużarju kuljum mal-familja tagħhom jew mal-Fratellanza, billi jxerrdu d-devozzjoni lejn Ommna Marija u billi jħajjru oħrajn jgħidu t-talba tar-rużarju.

Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

i. id-devozzjoni speċjali lejn il-Madonna tar-Rużarju;
ii. l-imħabba u reċitar regolari tat-talba tar-Rużarju;
iii. it-tagħlim tat-talba tar-Rużarju lill-oħrajn;
iv. ir-reċitar tat-talba tar-Rużarju fil-pubbliku u fil-Knisja;
v. it-tiżjin ta' l-artal tal-Madonna tar-Rużarju;
vi. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni tal-Madonna tar-Rużarju;

vii. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa

Ħidma ta' Appostolat

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. ikunu ffurmati biex flimkien ma' oħrajn jagħmluha ta' *church wardens* fiż-żoni u fil-kappelli skond il-bżonn;
ii. joffru xogħol volontarju ta' manutenzjoni biex il-knejjes jinżammu akkoljenti u sbieħ bħal Marija;
iii. speċjalment f'postijiet turistiċi, u f'parroċċi kbar, iżuru postijiet xotti minn spiritwalita' u joħolqu kuntatt ta' akkoljenza ma' barranin u mbegħdin biex bihom il-Knisja toħloq kuntatt ma' dawn ir-rejaltajiet;
iv. fuq il-postijiet tax-xogħol, janimaw postijiet/mumenti ta' talb marbuta ma' festi partikolari ta' devozzjoni u maż-żmien liturġiku;
v. b'kordinament mal-kappillan, jippromwovu t-talb ta' l-Anġelus u ta' l-Ave Marija b'mezzi moderni u skond il-ħajja tallum.

Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza ta' San Ġużepp

Is-sejħa tal-Fratellanza ta' San Ġużepp hija l-qima lejn San Ġużepp bħalma qimuh u tawh ġieħ Ġesu' u Marija fi ħdan il-Familja Mqaddsa, u biex il-Fratelli jafdaw ruħhom f'idejh bħala l-patrun tal-mewta tajba.

Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

i. id-devozzjoni speċjali lejn San Ġużepp li qeda l-missjoni ta' missier Ġesu' f'din l-art;
ii. it-tagħlim fuq dan ir-raġel ġust;
iii. it-tiżjin ta' l-artal ta' San Ġużepp;
iv. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni ta' San Ġużepp;

v. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa

5.2.2 Ħidma ta' Appostolat

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. jwettqu l-appostolat fost il-membri tas-soċjeta', speċjalment fost il-ħaddiema;
ii. joħolqu fond ta' solidarjeta' għal familji f'sitwazzjoni diffiċli;
iii. flimkien mal-kappillan jorganizzaw xi laqgħat ta' formazzjoni għall-irġiel fil-parroċċa;
iv. kull Fratell jara li jkun jaf b'xi erba' min-nies li jkunu bla xogħol u jżomm qrib tagħhom b'diversi modi;
v. jikkollaboraw mal-Kummissjoni Familja fil-parroċċa u janimaw Jum il-Missier;
vi. jkunu solidali u janimaw quddiesa għall-bżonn ta' familja li tkun tilfet 'il-missier b'xi diżgrazzja.

Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza taċ-Ċintura

Is-sejħa tal-Fratellanza taċ-Ċintura hija l-qima lejn Ommna Marija taħt it-titlu ta' Omm tal-Faraġ billi l-Fratelli jgħidu r-rużarju kuljum mal-familja tagħhom jew mal-Fratellanza u billi jagħmlu kuljum waħedhom jew mal-Fratellanza opri ta' ħniena li jfarrġu lill-proxxmu.

Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

i. id-devozzjoni speċjali lejn il-Maternita' ta' Marija;
ii. il-meditazzjoni u tagħlim fuq Marija bħala Omm ta' l-Iben ta' Alla u Ommna;
iii. it-tiżjin ta' l-artal tal-Madonna taċ-Ċintura;
iv. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni tal-Madonna taċ-Ċintura;

v. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa

6.2.2 Ħidma ta' Appostolat

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. il-qadi ta' min ikun fil-bżonn, tal-morda (cancer, aids, eċċ.), ta' familji bi problemi (separazzjonijiet, drogi tat-tfal, eċċ.);
ii. jagħtu sehemhom f'attivitajiet ta' ħniena organizzati mill-Fratellanza jew mill-Knisja, bħal żjajjar tal-familji lill-Istituti ta' tfal;
iii. joffru mument ta' solidarjeta' ma' familji li jitilfu lill-omm jew lill-missier;
iv. flimkien mal-Fratellanza tad-Duluri, jorganizzaw żjajjar u talb fiċ-Ċimiterju f'Novembru jew f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier;
v. jissieħbu fi gruppi li jmorru jagħtu ftit faraġ lill-morda fl-isptrajijiet, ħidma li tista' titwettaq f'kollaborazzjoni mal-Patrijiet Kapuċċini, jew mal-Leġjun ta' Marija.

Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tad-Duluri

Is-sejħa tal-Fratellanza tad-Duluri hija l-qima lejn Ommna Marija taħt it-titlu tad-Duluri billi l-Fratelli jgħidu r-rużarju kuljum mal-familja tagħhom jew mal-Fratellanza u billi jaċċettaw is-sofferenzi bħala ħwejjeġ prezzjużi fl-għajnejn ta' Alla, tant li hu tahom lil Ibnu Ġesu' u lill-Verġni Marija.

Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

i. id-devozzjoni speċjali lejn Marija li ssuperat it-tbatija biex tagħmel ir-rieda t'Alla;
ii. il-meditazzjoni u tagħlim fuq Marija;
iii. it-tiżjin ta' l-artal tal-Madonna tad-Duluri;

iv. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni tal-Madonna tad-

v. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa

7.2.2 <u>Ħidma ta' Appostolat</u>

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. flimkien mal-Fratellanza taċ-Ċintura, jorganizzaw żjajjar u talb fiċ-Ċimiterju f'Novembru jew f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier;
ii. jagħmlu żjajjar regolari fid-djar ta' l-anzjani;
iii. jikkollaboraw fil-ħidma ma' enti ekkleżjastiċi/soċjali li jaħdmu f'qasam partikolari, eż. mar-refuġjati.

<u>Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni</u>

Is-sejħa tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni hija l-qima lejn Ommna Marija taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni Immakulata billi l-Fratelli jgħidu r-rużarju kuljum mal-familja tagħhom jew mal-Fratellanza u billi jgħożżu l-ħajja sa mit-tnissil bħala ħolqien u rigal ġej minn Alla.

8.2 Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

8.2.1 <u>Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni</u>

i. id-devozzjoni speċjali lejn Marija taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni;
ii. il-meditazzjoni u tagħlim fuq Marija;
iii. it-tiżjin ta' l-artal tal-Madonna tal-Kunċizzjoni;
iv. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni tal-Madonna tal-Kunċizzjoni;

v. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa

8.2.2 <u>Ħidma ta' Appostolat</u>

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:



i. f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Familja fil-parroċċa, ikunu qrib dawk il-koppji f'diffikulta' biex ikollhom it-tfal;
ii. jkollhom rispett lejn il-ħajja bħala rigal ta' Alla, u jxerrdu l-għarfien ta' l-obbligi morali ta' difiża tal-ħajja (formazzjoni mill-*Evangelium Vitae*);
iii. jorganizzaw attivita' għat-tfal biex japprezzaw il-ħolqien u kif il-bniedem għandu juża l-ħolqien, eż. b'attivita' fil-kampanja;
iv. jwettqu ħidma kontra l-abbużi sesswali u n-nuqqas ta' rispett lejn il-ġisem fuq il-post tax-xogħol jew ħdejn il-baħar.

<u>Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu</u>

Is-sejħa tal-Fratellanza tal-Karmnu hija l-qima lejn Ommna Marija taħt it-titlu tal-Karmnu billi l-Fratelli jgħidu r-rużarju kuljum mal-familja tagħhom jew mal-Fratellanza u billi jġibu l-labtu fuqhom b'vera qima biex jgħixu fl-ispirtu ta' mħabba sħiħa u qima lejn Alla u ta' devozzjoni vera lejn Marija.

Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

<u>Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni</u>

i. id-devozzjoni speċjali lejn Marija taħt it-titlu tal-Karmnu;
ii. il-meditazzjoni u tagħlim fuq Marija;
iii. it-tiżjin ta' l-artal tal-Madonna tal-Karmnu;
iv. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni tal-Madonna tal-Karmnu;
v. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa.

<u>Ħidma ta' Appostolat</u>

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. jorganizzaw pellegrinaġġ fuq bażi parrokkjali lejn Santwarju Marjan fix-xahar ta' Mejju;
ii. janimaw il-quddies fil-festi tal-Madonna matul is-sena;

iii. mal-kappillan, jorganizzaw ċelebrazzjonijiet penitenzjali b'eżami tal-kuxjenza;
iv. jagħmlu kuntatti personali ma' ħaddiema bħala nkoraġġiment biex iżommu moral għoli, eż. max-xufiera tal-karozzi tal-linja, frekwenza f'xi bars, każini, workshops;
v. fejn hu possibbli, jagħmlu ħidma ta' evanġelizzazzjoni ma' turisti ta' l-ajru u tal-baħar.

Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza ta' San Mikiel

Is-sejħa tal-Fratellanza ta' San Mikiel hija l-qima lejn San Mikiel billi l-Fratelli jitħarrġu fl-għarfien u fil-qima lejn Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u billi jkabbru fihom l-imħabba tagħhom lejn Alla u lejn l-Anġlu Kustodju li Alla tahom biex iħarishom.

10.2 Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

10.2.1 Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

i. id-devozzjoni speċjali lejn San Mikiel, rebbieħ fuq il-ħażen;
ii. it-tagħlim fuq l-anġli, l-ispirti t-tajba, u kif iħarsuna u jieħdu ħsiebna;
iii. it-tiżjin ta' l-artal ta' San Mikiel;
iv. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni ta' San Mikiel;
v. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa;
vi. it-tqaddis u t-tifħir ta' l-isem ta' Alla.

10.2.2 Ħidma ta' Appostolat

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. jkollhom mumenti ta' talb ta' interċessjoni għal sitwazzjonijiet jew persuni partikolari fil-Knisja, fil-parroċċa jew fil-pajjiż;
ii. jagħmlu kuntatt ma' persuni mfixkla minn spirti ħżiena biex jirreferuhom lejn saċerdot;
iii. jagħmlu kuntatt ma' persuni li b'diversi modi huma waħedhom, eż. romol żgħar, persuni vizzjati, persuni li jkunu telqu mid-dar;
iv. jwettqu ħidma ta' ***neighbour watch*** fl-inħawi fejn joqgħodu biex oħrajn iħossuhom "viċin" u ta' wens.

Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tal-Kurċifiss

Is-sejħa tal-Fratellanza tal-Kurċifiss hija l-qima lejn Ġesu' Msallab u biex il-Fratelli jgħixu l-kliem ta' Ġesu' "min irid jiġi warajja, jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja".

11.2 Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

11.2.1 Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

i. l-imħabba speċjali lejn Ġesu' Msallab;
ii. id-devozzjoni lejn il-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesu' bħala l-ogħla mument ta' mħabba tiegħu għalina;
iii. it-tagħlim u l-meditazzjoni fuq Ġesu' Msallab;
iv. it-tiżjin ta' l-artal tal-Kurċifiss;
v. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira;
vi. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa.

11.2.2 Ħidma ta' Appostolat

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. it-twassil tas-sabar lil min ikun imnikket;
ii. jiffurmaw grupp ta' rġiel/nisa magħhom li jkunu lesti jagħmlu xi biċċa xogħol bħala għajnuna lil xi persuna jew familja fil-bżonn;
iii. joħolqu attivitajiet konkreti matul ir-Randan li bihom jinkoraġġixxu fil-parroċċa sens ta' ċaħda kif tiggwidana l-Knisja bin-normi tagħha;
iv. janimaw eżerċizzi tar-Randan għall-Fratellanzi kollha;

mal-kappillan juru apprezzament lejn dawk il-ħaddiema li joffru regolarment servizzi ta' qadi favur il-komunita', (bħall-pulizija, l-ħaddiema fil-polyclinic, fil-banek, fil-posta) eż. billi fi żmien il-Milied, l-Għid u/jew il-Festa tal-parroċċa jingħatalhom oġġett ta' tifkira żgħir b'apprezzament.

Is-Sejħa u l-Ħidmiet tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karita'

Is-sejħa tal-Fratellanza tal-Karita' hija l-qima lejn Ommna Marija taħt it-titlu tal-Karita' billi l-Fratelli jgħidu r-rużarju kuljum mal-familja tagħhom jew mal-Fratellanza u billi jagħmlu kuljum waħedhom jew mal-Fratellanza opri ta' karita' mal-proxxmu.

12.2 Il-ħidmiet marbuta ma' din is-sejħa jinqasmu fuq żewġ livelli:

12.2.1 Ħidma ta' Devozzjoni u Ċelebrazzjoni

i. id-devozzjoni speċjali lejn Marija taħt it-titlu tal-Karita';
ii. il-meditazzjoni u tagħlim fuq Marija;
iii. it-tiżjin ta' l-artal tal-Madonna tal-Karita';
iv. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fil-proċessjoni tal-Madonna tal-Karita';
v. it-tħejjija u l-parteċipazzjoni fi proċessjonijiet oħra tal-parroċċa

12.2.2 Ħidma ta' Appostolat

Il-formazzjoni għandha twassal biex l-imsieħba jitgħallmu jieħdu sehem f'uħud minn dawn il-forom ta' appostolat:

i. joħolqu fond ta' karita';
ii. jikkollaboraw u janimaw il-ħidma missjunarja fil-parroċċa;
iii. flimkien mal-familji tagħhom, darba fis-sena, jistiednu lil xi ħadd fqir/li jgħix waħdu/anzjan biex jiekol magħhom fil-ġurnata tal-Ħadd;
iv. jsibu familji li lesti joffru donazzjonijiet żgħar favur familji li m'għandhomx biex jagħmlu manutenzjoni tad-dar jew li għandhom spejjeż minħabba mard jew fejn il-missier waqaf mix-xogħol ħesrem filwaqt li għadhom qed irabbu t-tfal.

Emendi għal Appendiċi II anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi

Dan l-Appendiċi II anness ma' l-Istatut Bażiku għall-Fratellanzi hu approvat mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta u jista' jiġi emendat biss mill-istess Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.